ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

29 DEC 2023

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 587**

**Il-Erbgħa 29 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 587.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

587.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna, is-Sur Joseph Vella u mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna, is-Sur Joseph Vella u s-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

## 587.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

587.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-minuti tal-585 laqgħa ġew unanimament approvati.

587.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tal-586 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 587.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

587.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar kwistjoni tad-drenaġġ f'residenza fi Triq is-Santwarju minħabba li arblu tad-dawl kien qed jostakola l-mogħdija tad-drenaġġ. Is-Sindku spjega li meta twaħħlu l-fanali ornamentali, din ir-residenza kienet dar abbandunata. Flimkien ma' din l-ittra, is-sid kien bagħat rapport ta' inġineer li jiddikjara li l-arblu tad-dawl kien qed ifixkel il-mogħdija tad-drenaġġ. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-ispiża sabiex jinqala' dan l-arblu u jerġa' jeħel kienet tammonta għal €620. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel ix-xogħol meħtieġ sabiex jersaq l-arblu inkwistjoni.

587.3.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ dwar talba għall-approvazzjoni biex isiru l-preparamenti u xogħlijiet marbuta ma' pedamenti ta' arblu fir-*roundabout* li hemm fi Triq il-Labour ma' Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq Bormla. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ li l-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jsiru dawn ix-xogħlijiet u li jiġi nsallat dan l-arblu.

587.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-*Mapfre Middlesea* hija ta' €55 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposata tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha u għall-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

587.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-kwistjoni li l-Kunsill kellu ma' Infrastruttura Malta minħabba s-sinjali u l-marki tal-karreġġjata li qatt ma saru fi Triq l-Iskola, Triq il-

Karmnu, Triq Santa Tereża, Triq Felice u Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku spjega li r-responsabbiltà ta' dawn is-sinjali kienet ta' Infrastruttura Malta peress illi kien sar xogħol infrastrutturali f'dawn it-toroq. Infrastruttura Malta kienet irrifjutat li tagħmel is-sinjali u l-marki tal-karreġġjata minħabba li l-Kunsill kien implimenta *traffic management* f'dawn it-toroq. Fid-dawl ta' din l-isfida, is-Sindku nforma lill-membri preżenti b'laqgħa li saret bejn il-Kunsill u lnfrastruttura Malta biex tissolva l-kwistjoni. Matul din il-laqgħa saru negozjati li rriżultaw fi ftehim bejn il-Kunsill u Infrastruttura Malta. L-implimentazzjoni tal-marki tal-karreġġjata ssir mill-Kunsill u Infrastruttura Malta tagħti rimbors lill-Kunsill tal-ispejjeż. Biex tiġi rettifikata l-kwistjoni, ġie stabbilit li r-rimbors minn Infrastruttura Malta jkun sa massimu ta' ħamsa u erbgħin elf (€45,000) Ewro. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx sar ftehim biex isiru l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal li dan kien każ differenti minħabba li l-kuntratturi kienu differenti.

587.3.5 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu ma' Infrastruttura Malta ġiet diskussa wkoll ir-*road hump zebra crossing* li ma kinitx saret wara li sar xogħol infrastrutturali fi Triq San Leonardu. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Infrastruttura Malta kienet talbet lill-Kunsill jevalwa mill-ġdid din it-talba. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Infrastruttura Malta sabiex tagħmel ir-*road hump zebra crossing* skont l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

587.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill kienet ħarġet bil-*leave* tal-maternita b'effett minn nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru, 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata kienet ser tirrikorri għal-*leave* tal-maternita għall-perjodu mhux interrot ta' tmintax (18)-il ġimgħa. L-ewwel erbatax (14)-il ġimgħa jitħallsu minn min iħaddem iżda l-ġimgħat lil hinn mill-erbatax (14)-il ġimgħa ma jitħallsux mill-Kunsill. Barra minn hekk l-impjegata kienet talbet li tingħata tlett (3) xhur *parental leave* bla ħlas, kif imniżżel fil-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali ġewwa l-Kunsill Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din it-talba. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk fil-preżent il-Kunsill kellux biżżejjed ħaddiema klerikali. Is-Segetarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien *short of staff.* Is-Segretarju Eżekuttiv uriet it-tħassib tagħha minħabba li kien partikolarment diffiċli li timtela il-pożizzjoni taż-żewġ Uffiċjali Eżekuttivi (Skala 13). Is-Segretarju Eżekuttiv, biex tindirizza dawn l-isfidi, issuġġeriet li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex minflok jingaġġa żewġ Uffiċjali Eżekuttivi (Skala 13), jitlob li jingaġġa skrivan/a (Skala 15) u Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isir ingaġġ ta' Skrivan (Skala 15) minflok ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) mal-Kunsill biex wara jibda l-proċess.

587.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2023.

587.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-fanali ornamentali li ġew installati fil-*Housing Estate* u qal illi kien hemm madwar ħames lampi li ma kienux qed jixgħelu. Is-Sindku spjega li dawn ma kienux qed jixgħelu minħabba li kien hemm *cable* bil-ħsara. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien issottometta l-formoli tal-SLT għal kull arblu ornamentali, kif mitlub mill-Enemalta. Is-Sindku

587.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li fil-futur viċin Heritage Malta kienu ser jibdew ix-xogħol ta' restawr fuq il-kanuni li hemm madwar il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li sadanittant Heritage Malta kienu ser iġibu ħames kanuni mill-Mużew Marittimu sabiex jitpoġġew madwar il-Mina ta' Hompesch.

587.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-progress tax-xogħol ta' restawr tal-fanali ornamentali u qal illi kien qed jantiċipa li l-installazzjoni tal-fanal ornamentali f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ser issir lejn l-aħħar ta' din is-sena. Barra minn hekk, żied jgħid li fil-jiem li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol ta' restawr tal-fanal ornamentali li hemm fi Ġnien Tamara Psaila.

**587.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

587.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**587.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

587.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru u d-29 ta' Novembru 2023 li kienet tammonta għal €54,249.85.

**587.6 Abbozz tal-Estimi Annwali 2024**

587.6.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-proġetti kapitali li kien hemm inkluż f'dan l-abbozz tal-Estimi Annwali. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-isqaqien taż-żona tal-Biċċieni kienux inklużi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal li dawn il-proġetti jridu jiġu nklużi mal-proġetti ta' Entitajiet Governattivi.

587.6.2 Is-Sur Joseph Agius staqsa f'hix kien jikkonsisti it-tisbieħ taż-żona ta' Tal-Plier. Is-Sindku qal illi kien hemm il-ħsieb ta' diversi xogħlijiet, fosthom bankini u *planters*.

587.6.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-isqaqien ta' Triq l-Inkurunazzjoni kienux inklużi. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

587.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2024. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

587.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-allokazzjoni finanzjarja kienet għadha ma waslitx b'mod uffiċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li mill-1 ta' Jannar 2024 kien ser ikun hemm żieda fil-prezz għar-rimi tal-iskart fil-faċilitajiet tal-*Wasteserv*, minn €40 ser tiżdied għal €60 kull tunnellata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tittama li jkun hemm żieda sostanzjali fl-allokazzjoni sabiex jagħmel tajjeb għal din l-ispiża.

**587.7 Pjan ta' Ħidma 2024-2028**

587.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2024 - 2028. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**587.8 Nominazzjonijiet Jum Ħaż-Żabbar**

587.8.1 Fis-6.45 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

587.8.2 Fit-7.45 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

587.8.3 Fit-7.45 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat għal ftit minuti.

587.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova n-nominazzjonijiet fil-lista annessa u li jingħataw żewġ Ġieħ Ħaż-Żabbar, sittax -il Ċertifikat ta' Ħajr, kif ukoll ħames ċertifikati ta' Rikonoxximent Speċjali.

**587.9 Attivitajiet tal-Milied**

587.9.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attività li ser tiġi organizzata nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2023 fi Triq is-Santwarju, fi Triq il-Kbira u f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal li matul din l-attività kien ser ikun hemm is-sehem tal-għaqdiet lokali, ser ikun hemm *stands* tal-ikel, divertiment, parata minn *Zabbar Scouts Group*, presepju ħaj fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll xogħol tal-artiġġjanat. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser isir tiżjin fit-toroq. Is-Sindku qal illi kien ser ikun hemm it-triq armata bit-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku spjega li t-tiżjin tal-Milied fit-toroq kien ser jinxtgħel fit-8 ta' Diċembru 2023 u qal li l-ispiża għal dan it-tiżjin kellha titnaqqas għal €5,000 sabiex il-Kunsill ikun jista' jtella' l-attività tal-Milied. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex in-nefqa għall-attività tal-Milied tkun ta' €14,000. Is-Sindku spjega li kien ser ikun hemm dħul ta' €10,000 mill-fondi tar-Reġjun Port u dħul ta' €1,000 mill-Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal.

587.9.2 Fit-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal lura għal-laqgħa.

587.9.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività tal-Milied nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2023 u li l-ispiża totali tkun tammonta għal €14,000.

587.9.4 Minħabba li l-vot tal-kultura kien ġie eżawrit, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża għat-tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied tkun tammonta għal €5,000.

587.9.5 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 ser tiġi organizzata attività tal-anzjani. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas it-trasport matul din l-attività.

587.9.6 Is-Sindku ppropona li fit-28 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill jorganizza *coffee morning* fil-lokalità. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**587.10 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- **Offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator***

587.10.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Edward Said, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Brian Farrugia.

- **Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq**

587.10.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Edward Said, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Brian Farrugia.

- **Xogħlijiet ta' titjib fil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023)**

587.10.3 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għax-Xogħlijiet ta' Titjib fil-Latrina Pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Edward Said, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Brian Farrugia.

## 587.11 Ittri legali

587.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva talba għal rimbors mingħand kumpanija tal-assigurazzjoni dwar inċident li allegatament seħħ minħabba li ma kienx hemm tabella tal-*stop*. Skont l-ittra, l-inċident kien jinvolvi sitwazzjoni fejn individwu ħareġ minn triq bl-intenzjoni li jaqsam għan-naħa l-oħra ta' triq aktar prinċipali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab parir legali u l-avukat tal-Kunsill ipprovda gwida. Fin-nuqqas ta' sinjal fiżiku, is-sewwieq huwa mistenni joqogħod attent meta jkun ser jaqsam l-intersezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja, li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà ta' dan l-inċident u li tibagħat ittra legali bħala risposta.

587.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra legali fuq inkarigu ta' Alfred Schembri & Sons Limited sabiex iħallas is-somma ta' €3,316 rappreżentanti bilanċ ta' xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-każ imur lura għal xogħlijiet li saru fis-snin 2009 u 2010. Waqt xogħol ta' verifika mill-Awdituri tal-Gvern fis-sena 2017, l-awdituri kienu għażlu kampjun ta' kredituri pendenti u talbu lill-Kunsill biex jibagħat talba ta' konferma tal-bilanċ muri fil-kontijiet tal-Kunsill. Barra minn hekk, peress illi l-bilanċi kienu ilhom pendenti, l-awdituri rrakkomandaw li l-Kunsill jivverifika l-bilanċ pendenti għall-eżattezza. Wara investigazzjoni, instab li l-ammont pendenti ta' Alfred Schembri & Sons kien żbaljat u tneħħa mill-kontijiet tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm korrispondenza mill-perit tal-Kunsill inkarigat datata 2011, li kienet tiċċertifika r-rilaxx ta' 2.5% *retention* mill-kont finali minflok il-5%. Dan minħabba kwistjonijiet b'xogħlijiet mhux kompluti kif suppost. Il-Kunsill kien innota li bi żball il-kontijiet irriflettew il-5%, u mhux kemm kien ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-Kunsill kien ħa parir legali dwar din il-kwistjoni. L-avukat avża li l-Kunsill għandu jżomm lura milli jħallas l-ammont mitlub minħabba diskrepanzi misjuba fil-kontijiet u ċ-ċertifikazzjoni tal-perit. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħallasx l-ammont mitlub minn Alfred Schembri & Sons u li jibgħat ittra legali bħala risposta.

## 587.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

587.12.1 Is-Sur Mark Grech irrefera għall-vot li kien ittieħed dwar il-mozzjoni li kienet tressqet u staqsa f'hix kienet waslet l-applikazzjoni peress illi l-aħħar aġġornament li kellu kien li għad jonqos il-firma tas-Sindku. Is-Sindku qal illi kienet għaddejja komunikazzjoni mal-Kap Eżekuttiv tal-Lesa u ma' Transport Malta dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku staqsa lis-Sur Mark Grech jekk kienx irċieva telefonata dwar dan il-każ. Is-Sur Mark Grech wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal illi kien ser ikun hemm aktar diskussjonijiet dwar dan il-każ u nfurmah li kien ser jagħtih aktar informazzjoni meta jirritorna lura Malta.

587.12.2 Is-Sur Mark Grech talab aġġornament dwar il-proġett li kellu jsir f' Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi hemm problema minħabba li kienu qed jinżammu xi permessi mill-*Planning Authority.* Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-proġett hux tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-proġett kien ser isir mill-*Public Works*. Is-Sindku żied jgħid li kellu wkoll informazzjoni illi kienu nstabu xi werrieta li għandhom titlu fuq din l-art. Is-Sur Mark Grech qal li fil-leġislatura preċedenti kienu saru r-riċerki u l-art kienet kollha tal-Gvern, l-unika *issue* li kien hemm kien fuq il-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien intalab jitla' jixhed il-qorti u l-każ kien li s-sidien tal-art ma kienux qed jaqblu fuq il-flus li ingħata lilhom meta saret l-esproprjazzjoni tal-art.

587.12.3 Fit-8.08 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Butigieg talab li jkun skużat.

587.12.4 Is-Sindku qal illi kien ser jitlob aktar informazzjoni dwar dan il-proġett. Is-Sur Mark Grech qal illi l-Kunsill ilu jwiegħed għal diversi snin li ser isir il-proġett u sa llum għadu ma nbediex. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li fil-leġislatura preċedenti il-Kunsill kellu l-fondi għall-proġett u anke l-permessi tal-*Planning Authority.* Is-Sur Mark Grech spjega li din hija l-aħħar sena ta' din il-leġistura u għaldaqstant il-Kunsill għandu jingħata spjegazzjoni f'hix wasal il-proġett ta' Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi matul din il-leġislatura il-Kunsill kien qabel li l-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola jiġi mmirat għat-tfal u għaż-żgħażagħ u l-proġett isir bl-għajnuna tal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, *The Malta Trust Foundation* u l-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà, il-Ministeru tal-Enerġija u l-Immaniġjar ta' Ilma, il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent, u t-Tibdil fil-Klima u l-Ministeru tat-Trasport u l-Proġetti Infrastrutturali. Il-Kunsill fil-passat kien qabel unanimament li l-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola isir bil-kollaborazzjoni ta' *The Malta Foundation for the Wellbeing of Society* u spjega li dan il-proġett ma kienx ser jiġi ffinanzjat mil-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li f'okkażżjoni minnhom fejn kien hemm preżenti l-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta u l-Ministru tat-Trasport u l-Proġetti Infrastrutturali, kien ġie diskuss li l-art imsemmija kienet art pubblika.

587.12.5 Is-Sur Mark Grech talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività tal-Milied mal-iskejjel fil-lokalità kif ukoll mas-Sotto Kumitat tal-Familja, Żgħażagħ u Tfal. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li ssir kompetizzjoni tal-kartolini. Is-Sinjura Anna Calleja enfasizzat il-potenzjal għat-tpinġijiet tat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sur Mark Grech jekk kienx qed jitlob il-finanzjament tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata din l-attività mal-iskejjel. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li min jirbaħ il-kompetizzjoni, it-tpinġija għandha ssir fuq kartolina tal-Milied. Bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż, is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li jitqassmu fost l-għaqdiet aktar milli mal-lokalità kollha. Is-Sindku enfasizza n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' fondi mill-vot tal-kultura għall-attivitajiet addizzjonali u r-restrizzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill minħabba żieda fl-ispejjeż kuntrattwali għal-ġbir ta' skart bieb bieb. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li minflok jitqassmu l-kartolini fi żmien il-Milied jingħata rikonoxximent f'Jum Ħaż-

Żabbar. Is-Sur Mark Grech qal illi t-tqassim ta' ħames mitt (500) kartolina ma kienx ser jinvolvi xi spejjeż kbar. Is-Sindku qal illi minħabba ż-żieda fl-ispejjeż kuntrattwali relatati mal-ġbir u rimi tal-iskart, il-Kunsill kien ristrett ħafna fejn jidħol l-infiq li ma kienx hemm ħsieb għalih. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill m'għandux €500 biex jalloka għal din l-attività partikolari. Is-Sindku qal illi bil-kemm kien hemm fondi biex jorganizza l-attività tal-Milied. Sussegwentament, is-Sur Mark Grech talab biex l-ispiża għal din l-attività tonqos għal €250. Is-Sindku qal li m'hemmx fondi minn fejn issir din l-attività u minflok ppropona li jfittxu *sponsors* biex jipproċedu. Is-Sindku żied jgħid li fil-vot tal-Kultura ma kienx għad baqa' biżżejjed fondi għal stampar u t-tqassim ta' kartolini fil-lokalità. Is-Sur Mark Grech qal illi hu kulma kien talab hu li l-kartolini jitqassmu fost l-għaqdiet. Is-Sindku qal li l-prezz ikun għola jekk isir stampar ta' inqas kartolini. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jsir trasferiment ta' voti mill-estimi annwali. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsillieri ma tantx jitolbu jorganizzaw attivitajiet individwali u ssuġġeriet li l-Kunsill japprova attivitajiet bħal dawn. Is-Sindku qal illi għal din is-sena kellha titnaqqas l-ispiża relatata mat-tiżjin tal-Milied fit-toroq. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li ma ssirx l-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill. Peress illi l-proposta ma ġietx aċċettata minħabba nuqqas ta' fondi, is-Sur Mark Grech qal illi kien qed jirtira l-proposta. Emendati.

587.12.6 Fit-8.25 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku talbet li tkun skużata.

587.12.7 Il-Kaptan Patrick Barbara semma l-ħtieġa li jsiru il-*hatching lines* u ż-*zebra crossing* fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta dwar dan.

587.12.8 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet f'hix kien wasal il-proċess sabiex jiġi nstallat dawl ġdid fi Triq Dun Victor Cauchi. Is-Sindku staqsa jekk ir-residenti kienux aċċettaw li teħel lampa mal-faċċata tar-residenza tagħhom. Is-Sinjura Anna Calleja wieġbet fin-negattiv u talbet li l-bozza teħel ma' arblu minħabba li t-triq kienet mudlama.

587.12.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq Santa Tereża kien hemm rampa mkissra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ma ġietx irranġata minħabba li kienet x-xita.

587.12.10 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq is-Saqwi. Is-Sindku qal illi kien għadu għaddej il-proċess tal-esproprjazzjoni tal-art.

## 587.13 Mozzjonijiet

587.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**587.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

587.14.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

587.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.36 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-589 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku